MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Numru 1128/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**Gilbert Degabriele**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Gilbert Degabriele ta' 22 sena, iben Joseph u Natalina nee' Balzan, imwieled Pieta' nhar il-15.06.1984 u li joqghod no. 36, 'AnnPaul', Triq l-14 ta' Dicembru 1945, Fgura, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 576884(M) gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet

differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Talli f'xi zmien qabel Mejju 2004 gewwa Bulebell, ikkommetta serq ta' apparat ta HI-FI minn vettura ta' ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghruf, u li dan is-serq sar ghad-dannu ta' persuna jew persuni mhux maghrufa, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli f'listess zmien u cirkostanzi f'diversi postijiet f'Malta, flimkien ma persuna ohra kkommetta serq ta apparat ta' HI-FI minn sitt (6) vetturi ta' ghamla u numru tar-registrazzjoni mhux maghruf, u li dan is-serq sar ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostazi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fl-istess vetturi ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa.

Talli fis-17 ta' Gunju 2004 ghal-habta tas-1:30pm, gewwa l-Pieta', waqt li kien ma persuna ohra, dolozament bil-hsieb li jikkommetti reat, u cioe' dak ta' serq aggravat, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, u cioe' ta' serq minn vettura ta' ghamla Volkswagen Polo bin-numru tar-registrazzjoni MEL-613 propjeta ta' Melinda Bonnici miz-Zurrieq, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, liema delitt li kieku sehh kien ikun kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostazi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fl-istess vettura MEL-613, liema hsara taccedi Lm50 izda ma taccediex Lm500 u dan sar ghad-detriment ta' Melinda Bonnici miz-Zurrieq.

Talli fil-21 ta' Lulju 2004 ghal-habta tat-3:30pm, gewwa l-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' hwejjeg mill-hanut 'Selio Shop', li jinsab fi Triq ir-Repubblika l-Belt, Valletta, u li dan is-serq sar ghad-dannu tas-sidien ta' l-imsemmi hanut, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jaccedix Lm100.

Tallif fil-21 ta' Lulju 2004 ghal-habta tas-2:00pm, gewwa l-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' hwejjeg mill-hanut 'Vivas', li jinsab f'Misrah il-Helsien il-Belt Valletta, u li dan is-serq sar ghad-dannu tas-sidien ta' l-imsemmi hanut, liema serq jaccedi Lm10 izda ma jaccediex Lm100.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 8 tal-Process (Dok. PG1) u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li l-Ufficali Prosekuturi ddikjaraw fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 31, 41(1)(a), 261(b), (c) u (g), 263, 267, 271(g), 278(1), (2) u (3), 280(2), 281(a), 284, 285 u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Gilbert Degabriele, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta

fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali tal-imputat u li l-Ufficjali Prosekuturi ddikjaraw fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Gilbert Degabriele ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' snin (4) millum l-imputat Gilbert Degabriele jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Gilbert Degabriele l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------